dak iż-żmien kien kiteb il-*Qwiel Maltin* (li ħarġu stampati tliet snin wara, kif ukoll *Dizzjunarju mit-Taljan għall-Malti* (li jwieġeb għal Lexicon ta' qabel li kien mill-*Malti għal-Latin u Taljan*) xogħol li Vassalli kellu ħajra kbira li jistampa u jippublika. Qabel ma nsemmu iżjed fuq dawn ix-xogħlijiet, sabiex il-qarrej jista' jorbot is-sensiela tal-ħidma letterarja ta' Vassalli fl-aħħar snin ta' ħajtu, jaqbel li mmorru xi sentejn lura, jiġifieri mat-tlitt snin wara li Vassalli kien raġa' lejn Malta.

Fil-bidu tal-1823 Vassalli kienu qabbduh jaqleb għall-Malti l-Vanġelji u l-ewwel ma qaleb għall-Malti kien dak ta' San Mattew. Għal ħabta ta' April 1823 beda t-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Mark. F'ittra tat-28 ta' Marzu, 1823, ir-Rev. William Jowett (1) li kien id-Direttur tal-pubblikazzjonijet taċ-"Church Missionary Society" f'Malta, kien fisser ruħu illi "huwa rnexxielu fl-aħħar iqabbad traduttur ġdid għall-Malti, li fejn l-oħrajn hu l-aħjar wieħed fil-Gżira, sew għal dik li bi ħila kemm għal dak li hu isem, u dan hu xejn inqas ħlief il-għaref *Antonio Vassallo* (sic), awtur ta' dizzjunarju malti, li kien qiegħed igħix f'faqar kbir.... Għal dak li hu ħlas hu kien qiegħed jagħtih xi ħaġa inqas mill-kwart ta' dak li talab. L-istil tiegħu", jissokta jgħid Jowett, "huwa wisq aħjar minn dak ta' Cannolo u tat-tabib Naudi u jien inħossni wisq ferħan bih."

Qabel Vassalli jidher illi ċ-"Church Missionary Society" kienet qabbdet f'dan ix-xogħol ta' traduzzjonijiet lil Giuseppe Marin Canolo li skond ma jgħid ir-Reverend C. F. Schlienz, (2) li kien laħaq għal xi żmien flok Jowett, "kien isinn is-skieken, tgħallem waħdu u għal dak li hu tagħrif ta' ilsna orjentali kien jisboq iktarx lill-pajjżani tiegħu kollha. Bil-Malti kiteb dawn il-ħwejjeġ. Il-*Liġi jew il-Għaqda l-Qadima, Thomas à Kempis* u *Grammatka Maltija*, manuskritti. Għandna tiegħu stampat il-*Vanġelju ta' San Ġwann*

It-Tabib Cleardo Naudi kien Professur tal-Kimika (1805-1834) u Professur ta' l-Istorja Naturali (1824-1829) l-Università. Dan kien qaleb għall-Malti bosta ħwejjeġ mill-Ingliż fosthom, biċċa mill-Katekiżmu ta' Fleury, biċċa min-noti ta' Wesley fuq il-Liġi jew Għaqda l-Ġdida u ħwejjeġ oħra għat-tagħlim reliġjuż u morali, stejjer, ħrejjef eċċ.

***(jissokta)***

(1) Kien "Fellow of St. John's College", Cambridge, ordna qassis Anglikan fl-1814, u f'Malta, ħlief għal xi ftit intervalli, qagħad mill-1820 sal-1830.

(2) Christoph-Friedrick Schlienz, kien Luteran ta' Wüerttemberg mill-Kulleġġ ta' Basle; kien raġa' ordna bħala qassis Anglikan f'Londra. F'Malta qagħad mill-1827 sal-1842.

# LIL MARIJA

## TFAJLA TA' GĦAXAR XHUR *

Le, le, Marija, m'hux int tlabtni l-versi,
għax inti ma tambihx il-għana tiegħi:
int, warda safja, b'xemx-il-hena fuqek,
x'taf int min-niket li jixxabbat miegħi?

Jisbaħ filgħodu; ġewwa ħarstek tiddi
id-daħka ħelwa li tidħaklek ommok:
il-ġrajja drajtha, u dik id-daħka ħelwa
tisraq tbissima mill-warda ta' fommok.

Kollox sabiħ għalik; iżżiġġ għal kollox:
kelma ġdida tisirqek, bewsa ssaħħrek;
ħelwa jekk tibki, għax il-ħin wasallek,
ħelwa jekk tidħak, u kulħadd ifaħħrek.

Għalhekk, Marija, m'hux int tlabtni l-versi,
għax inti ma tambihx il-għana tiegħi:
int, warda, friska, b'xemx-il-hena fuqek,
x'taf int min-niket li jixxeblek miegħi?

DUN KARM.

28—8—32

* It-tifla tas-Sur Pawl Galea Suchet. Konna ngħaddu ftit ġranet San-Pawl-il-Baħar, fis-sajf ta' l-1932, u konna noqogħdu ma' ġenb xulxin. It-tifla kienet il-hena ta' ommha u ta' missierha. Aħna l-ġirien ħabbejnieha wkoll, imħabba lil-ħlewwa tagħha. Jaħasra ntemmet f'tul ta' xahar, b'gastro enterite.